**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta mizmuma llum l-Erbgha, 15 ta' Marzu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Magri)**

**vs**

**Michael Raymond Sciberras**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Michael Raymond Sciberras ta' 31 sena iben David u Jill xebba Neaves imwieled l-Ingilterra nhar l-14 ta' Marzu 1991 u detentur tal-karta tal-identita numru 215805L, residenza mhux maghrufa

Akkuzat talli:

1. Nhar it-3 ta' Dicembru 2022 ghall-habta ta' 12:55hrs minn gewwa l-pompa tal-Petrol Grech and Ellul illi tinsab gewwa Vjal Sir Paul Boffa Rahal Gdid Malta, ikkommetta serq ta' flus kontanti tal-valur ta' Euro 70, u dan ghad-detriment ta' Paul Farrugia u/jew persuni ohra;

2. Nhar il-11 ta' Novembru 2022 ghall-habta ta' nofsinhar (12:00hrs) minn gewwa l-Ufficju tal-Posta Euro gewwa Pjazza Antoine De Paule, Paola ikkometta serq tal-valur li ma jaqbizx il-valur ta' 232.94 (bott tal-missjoni), u dan ghad-detriment ta' Inspire Malta u/jew persuni ohra

3. U aktar talli Michael Raymond Sciberras irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta l-imsemmija reat li permezz tieghu kiser ordni ta' probation, imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Monica Vella LL.D nhar id-19 ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022)

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

3. Rat li fis-seduta tal-24 ta' Dicembru 2022 l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

4. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu hija ta' tmintax-il xahar prigunerija u meta tingieb vera kopja tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta tad-19 ta' Novembru 2022 il-Qorti obbligata titratta mieghu dwar il-ksur tal-ordni ta' Probation u r-ricediva u ssospendiet is-seduta sabiex l-imputat jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu biex jara jekk iridx jirrevedi l-pozizzjoni tieghu.

5. Meta regghet issejhet il-kawza il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk kellux hin bizzejjed sabiex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Mistoqsi mill-Qorti jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu, l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

6. Semghet ix-xhieda tal-ufficjal tal-probation Cherise Boffa u rat il-*pre-sentencing report* taghha fil-konfront tal-imputat, kif ukoll semghet ix-xhieda ta' Maria Chiara Leone, is-Social Welfare professional li qed issegwi lill-imputat fil-habs.

7. Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet dwar il-piena.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotta kontra tieghu.

9. Rigward il-piena, il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni il-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, u ghalhekk ma heliex il-hin u r-rizorsi ta' din il-Qorti u tal-forzi tal-ordni.

10. Il-fedina penali tieghu mhix wahda allarmanti, izda lanqas wahda felici. Huwa ghandu zewg kundanni ta' serq, u d-darbtejn inghata ordni ta' probation. Pero huwa kiser l-ewwel ordni ta' probation wara ftit xhur, u gie ikkundannat seba' (7) xhur habs, u f'dawn il-proceduri, huwa ammetta li kiser t-tieni ordni ta' probation li inghatat lilu biss f'Novembru 2022. It-tielet kundanna hija ghal reat relatat bil-ksur tal-ligijiet tas-sewqan.

11. Mill-*pre-sentencing report* jirrizulta ampjament li l-problema principali tal-imputat hija dik ta' abbuz ta' sustanzi illeciti, u l-imputat ilu jaghmel dan mill-eta tenera ta' tlettax (13)-il sena.

12. Fir-rapport taghha, l-Ufficjal tal-Probation qalet hekk:

*"Pjan ta' Kura*

- *L-iktar punt krucjali huwa li Michael jibda u jikkompleta b'success programm residenzjali ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga. Dan peress illi d-droga hija l-iktar problema li dejjem wehlituf'hajtu. Sabiex jitwettaq dan il-pjan, l-*

*ikkoncernat idealment irid jibqa' f'post ristrett ikompli d-dittossifikazzjoni tieghu, jekk fil-komunita l-unika post fejn huwa jista' joqghod huwa l-isptar Monte Karmeli. Dan sakemm jistenna sabiex jidhol fi programm residenzjali tal-Agenzija Caritas. Minn kuntatt li sar mal-keyworker tal-imputat Mark Pollacco, huwa sostana li bhala waiting list hemm madwar sitt sa tminn gimghat ghall-programm ta' San Blas.*

- *Huwa ghandu bzonn jibda jahdem fuq il-problemi tal-passat u l-wegghat li huwa kellu, dan ix-xoghol ta' terapija jista' wkoll isir waqt il-programm residenzjali.*

- *L-ikkoncernat ghandu wkoll jahdem fuq ir-relazzjonijiet tieghu mal-familjari ghaliex dawn tul is-snin tilfu l-fiducja fih peress illi dejjem jghid li ser jinbidel u qatt ma jirnexxielu jzomm kelmtu.*

- *L-importanti li Michael anke wara li jtemm programm residenzjali ghandu jibqa' jzomm 'il boghod mill-uzu tad-droga u ghalhekk kemm-il darba l-imputat ikun taht Ordni ta' Supervizjoni, dan l-uzu jista' jigi sorveljat mit-testijiet tal-urina.*

*Rakkomandazzjoni*

*Fid-dawl tal-informazzjoni li ngabret f'dan ir-rapport jidher li Michael ghandu storja twila ta' abbuz ta' droga u sal-prezent qatt ma rnexxielu jeghleb din il-problema ghal perjodu sostanzjali. F'dan il-kaz l-imputat ammetta r-reat li qieghed jigi migjub kontrih.*

*Fic-cirkostanzi, l-Ufficjal sottoskritta taghraf li piena karcerarja hija l-iktar wahda misthoqqa. Izda hija thoss li sabiex tkun gusta mal-imputat li ilu snin ma jkun taht supervizjoni tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole ghandu jinghata l-opportunita sabiex iwettaq dak li qed jghid li jixtieq jaghmel, cioe li jsegwi programm residenzjali fil-komunita. Ghaldaqstant jekk dejjem jidhrilha li hu xieraq din l-Onorabbli Qorti, Michael ikun jista' jitpogga taht Ordni Provizorja ta' Supervizjoni sabiex l-Ufficjal sottoskritta ssegwi li Michael jibqa' ma' dan il-pjan u tkun tista' tirraporta lill-Qorti fuq dan. Sussegwentement, jekk kemm-il darba l-imputat ma joqghodx mal-pjan ta' kura mfassal il-Qorti tkun tista' taghti piena karcerarja."*

13. Din il-Qorti tibda billi tghid li ordni provizorja ta' supervizjoni tista' biss tinghata fil-mori tal-proceduri ai termini tat-tielet proviso tat-tieni (2) subinciz tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446. Ghalhekk, ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation li din il-Qorti tqieghed lill-imputat taht ordni provizorja ta' supervizjoni hija legalment insostenibbli.

14. Din il-Qorti tista' biss tpoggi lill-imputat taht supervizjoni kif qed tissugerixxi l-Ufficjal tal-Probation jekk hija tpoggieh taht ordni ta' Probation, jekk tikkundannah ghal sentenza sospiza flimkien ma' ordni ta' supervizjoni. Fil-fatti specje tal-kaz odjern, is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446[1] jipprojbixxu lil din il-Qorti milli tpoggi lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata, fil-waqt li l-Artikolu 28A(7)(c)[2] tal-Kapitolu 9 jipprojbixxi lil din il-Qorti milli timponi sentenza sospiza. Konsegwentement, fil-fatti specje tal-kaz odjern, din il-Qorti m'ghandiex xelta hlief li timponi piena karcerarja effettiva. Din il-Qorti hija kemmxejn perplessa kif tenut kont tad-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, l-Ufficjal tal-Probation issuggeriet bhala wahda mill-alternattivi mizura li ma hix wahda ta' piena karcerarja effettiva.

15. Dan nonostante, fir-rapport taghha l-Ufficjal Probation ammettiet illi *"taghraf li piena karcerarja hija l-iktar wahda misthoqqa."*. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li, apparti d-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, hija xorta kienet tasal ghal konkluzjoni li l-iktar piena idonea fil-kaz odjern hija wahda ta' prigunerija effettiva, u dan stante li wara li l-imputat kiser zewg ordnijiet ta' probation wara ftit xhur, u ittenta kemm-il darba bla success li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni volontarjament, din il-Qorti hija moralment konvinta li l-imputat m'hux kapaci jindirizza l-problema akuta tat-tossikodipendenza tieghu, jekk dan ma jaghmlux f'ambjent konfinat tal-habs.

---

[1] L-Artikolu 23(2) jippreskrivi illi: *"Bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (3), meta persuna tigi ttrattata ghar-reat li dwaru tkun tqeghdet taht probation b'ordni ta' servizz fil-komunità, jew b'ordni ta' probation u servizz jew tkun giet kondizzjonalment liberata, jew il-qorti ma tkunx tista' tqieghed lill-hati taht sanzjoni komunitarja jew taghmel ordni kif provdut fl-artikolu 22(1)."*
L-Artikolu 23(3) jippreskrivi illi: *"Is-subartikolu (2) m'ghandux japplika meta r-reat maghmul matul il-perjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata u li dwaru l-persuna sussegwentement tigi dikjarata hatja , jkun kontravvenzjoni jew ikun delitt ta' omicidju involuntarju, jew offiza involontarja fuq il-persuna, jew hsara involontarja fuq il-proprjetà."*

[2] L-Artikolu 28A(7)(c) jippreskrivi illi: *"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin - ... ...*
*(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' probation jew ta' liberazzjoni* taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation."*

16. Jekk l-imputat verament ghandu r-rieda li jeghleb il-problema tad-droga li minnha huwa mahkum jista' jindirizzaha minn gewwa l-habs li joffru dan is-servizz. Huwa risaput ukoll li din l-Agenzija toffri wkoll s-servizz ta' psikologu, jekk l-imputat ikun interessat jaghmel uzu minn dan is-servizz. Fil-fatt l-imputat diga ghamel uzu minn dan is-servizz, u mill-provi jirrizulta li diga gie registrat progress zghir. Jehtieg jekk verament l-imputat irid jindirizza il-vizzju tieghu ta' abbuz ta' droga li bl-ghajnuna tal-professjonisti li hemm gewwa l-habs isir pjan ta' kura bil-ghan li l-istess imputat jista' jikseb il-frott mixtieq minn kulhadd.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Wara li rat l-Artikoli 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti kontra tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, tikkundannah ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija effettiva.

2. In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-raba' imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ta' probation tad-19 ta' Novembru 2022 maghmul mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-ordni ta' probation maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 284, 285, 338(w), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati ghal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.

Ghaldaqstant, il-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta’ hmistax (15) -il xahar prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas il-perjodu ta’ arrest preventiv li l-hati ghamel in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**